**16 ta' Lulju, 1960**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D., Aġent President;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.;**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Group Captain Colin Hugh Deakin, E.P.D. ne.

*versus*

Angela Fenech

*Il-kawżali tal-att taċ-ċitazzjoni fil-Qrati Superjuri ma tistgħax tinbidel, u l-Qorti ma tistgħax tiddeċidi l-kawża fuq kawżali differenti minn dik dedotta.*

*Għaldaqstant, jekk l-attur jitlob l-iżgumbrament tal-konvenut minn biċċa raba' fuq il-motiv li l-konvenut qiegħed jokkupa r-raba bis-saħħa ta' sempliċi permess ta' okkupazzjoni rittrabbli immedjatament meta jrid l-attur, u l-Qorti tirritjeni li l-okkupazzjoni hija bażata mhux fuq sempliċi permess tal-attur, imma bis-saħħa ta' titolu ta' lokazzjoni vera u proprja, ma tistgħax il-Qorti, wara li tkun hekk iddeċidiet, takkorda l-iżgumbrament mitlub għal meta tispiċċa l-lokazzjoni, imma għandha tillibera lill-konvenut; għax inkella tiġi tordna l-iżgumbrament fuq kawżali ġdida;*

Il-Qorti:— Rat id-deċiżjoni tagħha tal-lum, fejn jinsabu mniżżlin it-talba tal-attur u l-eċċezzjoni tal-konvenuta, kif ukoll l-atti tal-istadju tal-appell, u li biha ġie dikjarat irritu u null l-appell inċidentali tal-attur nomine; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-lum is-sentenza tal-Ewwel Qorti, in kwantu ddeċidiet li l-kuntratt bejn il-partijiet kien ta' lokazzjoni, u li l-attur nomine ma għandux dritt ixolji dak il-kuntratt immedjatament, tifforma ġudikat; għax minn dik id-

deċiżjoni l-konvenuta ma appellatx, u l-appell inċidentali tal-attur ġie dikjarat irritu u null;

Illi, wara li ddeċidiet kif iddeċidiet, l-Ewwel Qorti ordnat l-iżgumbrament, billi kkunsidrat li l-lokazzjoni kienet għal sena rinnovabbli minn sena għall-oħra, u li fl-aħħar tas-sena l-attur nomine għandu d-dritt jieħu l-għalqa ndipendentement minn kwalunkwe xoljiment, iżjed u iżjed meta huwa għal dan l-iskop interpella uffiċjalment lill-konvenuta;

Iżda, ir-raġuni li għaliha l-Ewwel Qorti ordnat l-iżgumbrament mhix ir-raġuni dedotta bħala kawżali fiċ-ċitazzjoni, li hija bażata fuq il-presuppost li l-okkupazzjoni tal-attur nomine kienet għal raġunijiet tal-Ministeru tal-Ajru, li l-Ewwel Qorti eskludiet;

Illi l-kawżali tal-att taċ-ċitazzjoni fil-Qrati Superjuri ma tistgħax tinbidel, u l-Qorti ma tistgħax tiddeċidi t-talba fuq kawżali differenti minn dik dedotta. Għalhekk, meta l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li ġa ssemmiet, ma setgħetx fuq kawżali ġdida tordna l-iżgumbrament, iżda kellha tillibera lill-konvenuta;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-appell prinċipali tal-konvenuta appellanti, tirrevoka s-sentenza appellata fil-kap devolut lilha, relattiv għall-kundanna tal-iżgumbrament u l-ispejjeż relattivi, u tiċħad it-talba tal-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu, salva lill-attur kull xorta ta' dritt ieħor, jekk u skond il-liġi.